# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001**

**Numru 99**

**Citaz. Nru. 405/99GV**

**Doc. Nru. 35-01**

**L-Avukat Dottor Kevin F. Dingli u Avukat Dottor Suzanne Shaw fil-kwalita' taghhom bhala Mandatarji specjali tas-socjeta' estera Ocean Marine Mutual Insurance Association Limited ta' Turks & Caicos Islanda, British West Indies**

**vs**

**Lattaquie Shipping Co. Ltd.**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-atturi nomine ippremettew illi is-socjeta' konvenuta hija proprjetarja tal-bastiment merkantili m.v. "Dinos" registrat fir-Registru tal-Bastimenti ta' Malta bin-numru ufficjali 3669;

U premess illi s-socjeta' attrici hija kostitwita bhala "Shipowners' Protection and Indemnity Association", u tiffunzjona bhala tali fil-kamp marittimu internazzjonali.

U premess illi 'l fuq imsemmi bastiment merkantili proprjeta' tas-socjeta' konvenuta kien gie debitament imdahhal mill-istess socjeta' konvenuta mas-socjeta' attrici ghas-snin 1998/1999;

U premess illi mar-registrazzjoni tal-fuq imsemmi bastiment merkantili taghha mas-socjeta' attrici, s-socjeta' konvenuta kienet issiehbet bhala membru tal-assocjazzjoni attrici u accettat li tintrabat bil-"Memorandum and Articles of Association" kif ukoll bir-"Rules" tal-istess assocjazzjoni;

U premess illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma komplessiva ta' mija, wiehed u tletin elf, disa' mija u erbatax Dollaru Amerikan u tletin cent (USD131,914.30), oltre imghaxijiet sal-hlas effettiv, skond Manager Statement ossia Prospett datat tnax (12) ta' Frar, 1999 (hawn anness u immarkat Dok. "B"), u dana ai termini tal-Istatut u r-Regoli tas-socjeta' attrici u kif jigi ukoll aktar dettaljat filwat it-trattazzjoni tal-kawza;

U premess illi s-socjeta' attrici bi hsiebha tistitwixxi l-proceduri legali necessarji 'in personam' kontra s-socjeta' konvenuta u/jew 'in rem' kontra l-bastiment merkantili m.v. "Dinos" proprjeta' tal-istess socjeta' konvenuta, skond il-kaz, ghall-kanonizzazzjoni tal-fuq imsemmi kreditu taghha fis-sede kompetenti;

U premess illi a tenur tal-Artikolu 37 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta dina l-Onorabbli Qorti tista' tipprojbixxi kull negozju dwar xi bastiment jew sehem fih;

U premess illi sa fejn jafu l-atturi nomine l-uniku assi tas-socjeta' konvenuta hija l-bastiment merkantili fuq imsemmi u ghaldaqstant f'kaz ta' esitu favorevoli fil-proceduri legali eventwali ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu tas-socjeta' attrici fuq indikat, l-atturi nomine ikunu iridu jesegwixxu tali kreditu taghhom bil-qbid u eventwali bejgh in subbasta tal-istess bastiment merkantili;

Ghar-ragunijiet premessi, l-atturi nomine talbu li din l-Onorabbli Qorti:

Tordna, ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kapitolu 34 tal-Ligijiet ta' Malta li ma jsir ebda negozju u konsegwentement tipprojbixxi kull negozju fir-rigward tal-bastiment merkantili m.v. "Dinos" fuq imsemmi, u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment merkantili, taht dawk il-provvedimenti, pattijiet u kondizzjonijiet li dina l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi, u dana in vista tal-fatti u d-drittijiet fuq premessi, u tordna wkoll illi jigi notifikat bis-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti, ir-Registratur tal-Bastimenti ta' Malta ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut nomine.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi nomine a fol 3;

Rat id-digriet a fol 16;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol 20 fejn eccepiet:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li s-socjeta' konvenuta hija debitrici fil-konfront tas-socjeta' attrici fis-somma indikata fic-citazzjoni.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-noti ezibiti a fol 23,25,34 u 46;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONI**

Illi mill-provi prodotti t-talba ta' l-atturi tidher li hi gustifikata u bl-ebda mod ma giet kontestata.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi li ai termini tal-artikolu 37 tal-Kap 234 ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment merkantili m.v. DINOS u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment merkantili sakemm il-kreditu ta' l-atturi ma jigiex sodisfatt.

Tordna li jigi notifikat b'din is-sentenza r-Registratur tal-Bastimenti ta' Malta ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Spejjez ghal konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**